**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 192/12VG**

**XXX**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**Illum 17 ta' Ottubru 2017**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat mis-socjetà XXX fil-5 ta' Dicembru 2011 quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, in segwitu trasferit quddiem dan it-Tribunal, permezz ta' liema tappella mill-istimi mahruga fil-konfront taghha mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-perijodi ta' taxxa mill-01.10.07 sat-30.09.09 u titlob li l-imsemmija stimi jigu revokati *in toto* jew alternattivament riveduti stante li: (a) il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud erronejament ma ikkoncediex il-kreditu ghal Input Tax ghall-perijodi ta' taxxa mill-01.01.09-30.09.09 in bazi ghall-konsiderazzjoni li *the company failed to furnish the VAT Department all the detail required in respect of goods purchased,* meta fil-fatt hija pprovdiet id-dokumentazzjoni kollha mehtiega ai termini tal-Ligi entro t-termini moghtija; (b) il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud erronejament ikkonkluda li esportazzjonijiet fl-ammont totali ta' €24,486 ma gewx ikkonfermati bid-debiti *bills of export* u dana billi sar zball da parte tad-Dipartiment fil-valur ta' fattura partikolari, ossia l-fattura bin-Numru 10653 ghall-valur ta' Lm17,460.72, liema valur il-Kummissarju naqas milli jikkonvertih ghall-Euro, senjatament ghal €40,672.54; (c) fil-kalkoli li ghamel f'Tabella 1.2 il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud inkluda s-somma ta' €50,741 minnha dikjarata bhala akkwist fid-denunzja ta' taxxa ghall-perijodu ta' taxxa 01.07.09-30.09.09 nonostante li in segwitu rrizulta li tali somma giet inkluza u konsegwentement dikjarata fid-denunzja ta' taxxa bi zball da parte ta' impjegat tas-socjetà Rikorrenti u tali zball gie minnha debitament aggustat fid-denunzja ta' taxxa sussegwenti; u (d) il-mark up ta' 86% applikat mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma huwiex debitament spjegat u sostanzjat; bl-ispejjez kontra l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

Ra l-istimi mertu ta' l-appell ossia l-istimi ghall-perijodi ta' taxxa 01.10.07-31.12.07, 01.01.08-31.03.08, 01.04.08-30.06.08, 01.07.08-30.09.08, 01.10.08-31.12.08, 01.01.09-31.03.09, 01.04.09-30.06.09, 01.07.09-30.09.09, annessi mar-Rikors promotur;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud permezz ta' liema jopponi ghall-appell tas-socjetà Rikorrenti mill-istimi mahruga kontra taghha ghall-perijodi ta' taxxa mill-01.10.07 sat-30.09.09 u jitlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra taghha, stante li l-imsemmija Likwidazzjonijiet ta' Taxxa huma gusti u jisthoqqilhom konferma;

Ra l-Investigation Audit Report u r-Review Report annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

Ra l-affidavit ta' Anatole Baldacchino esebit mis-socjetà Rikorrenti permezz ta' Nota pprezentata fit-13 ta' Novembru 2012 a fol. 23 sa' 27 tal-process, ra l-korrispondenza skambjata mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud esebita mis-socjetà Rikorrenti permezz ta' Nota pprezentata fit-13 ta' Novembru 2012 a fol. 27 sa' 34 tal-process, sema' x-xhieda ta' l-Avukat Dottor Fransina Abela moghtija waqt is-seduti tat-13 ta' Novembru 2012[1] u tal-21 ta' Mejju 2013[2] u ra d-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "FA1" u Dok. "FA2" a fol. 43 sa' 45 tal-process, ra d-dokumenti esebiti mis-socjetà Rikorrenti permezz ta' Nota ipprezentata fil-21 ta' Mejju 2013 markati Dok. "A" sa' Dok. "D" a fol. 46 sa' 53 tal-process, sema' x-xhieda ta' Anatole Baldacchino moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Mejju 2013[3] u x-xhieda ta' Caroline Arapa moghtija waqt is-seduti tal-21 ta' Mejju 2013[4], ta' l-24 ta' Frar 2014[5] u tal-25 ta' April 2014[6], sema' x-xhieda ta' Chris Spiteri moghtija waqt is-seduti tal-21 ta' Mejju 2013[7] u ta' l-24 ta' Frar 2014[8], sema' x-xhieda ta' Joanne Hefney moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Mejju 2013[9], ra in-Nota tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) permezz ta' liema kkonferma li l-aggustamenti fir-rigward tas-somma ta' €50,741 li giet erronejament indikata bhala akkwisti ezenti bi kreditu mis-socjetà Rikorrenti fid-denunzja tat-taxxa ghall-perijodu ta' taxxa 01.07.09-30.09.09, effettivament saru[10], sema' x-xhieda ta' Nicola Said moghtija waqt is-seduta tas-17 ta' Ottubru 2013[11] u ra d-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "NS1" a fol. 88 sa' 91 tal-process u sema' l-konfront bejn Caroline Arapa u Nicola Said waqt is-seduta tad-9 ta' Jannar 2014[12];

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà Rikorrenti a fol. 115 sa' 149 tal-process u ra n-Nota Responsiva tal-Kummissarju tat-Taxxi a fol. 152 sa' 172 tal-process;

---

[1] Fol. 35 u 36 tal-process.
[2] Fol. 54 sa' 56 tal-process.
[3] Fol. 57 sa' 62 tal-process.
[4] Fol. 63 sa' 75 tal-process.
[5] Fol. 109 u 110 tal-process.
[6] Fol. 113 u 114 tal-process.
[7] Fol. 76 sa' 78 tal-process.
[8] Fol. 111 tal-process.
[9] Fol. 79 sa' 81 tal-process.
[10] Fol. 82 tal-process.
[11] Fol. 92 sa' 102 tal-process.
[12] Fol. 104 sa' 107 tal-process.

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà Rikorrenti tikkontesta stimi mahruga fil-konfront taghha mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-perijodi ta' taxxa 01.10.07-31.12.07, 01.01.08-31.03.08, 01.04.08-30.06.08, 01.07.08-30.09.08, 01.10.08-31.12.08, 01.01.09-31.03.09, 01.04.09-30.06.09, 01.07.09-30.09.09 permezz ta' liema qed tigi mitluba thallas is-somma ta' €73,227.00 rapprezentanti taxxa, is-somma ta' €14,949.45 rapprezentanti taxxa amministrattiva u s-somma ta' €21,453.61 rapprezentanti imghax.

Is-socjetà Rikorrenti titlob li t-Tribunal ihassar u jirrevoka *in toto* jew alternattivament ivarja l-imsemmija stimi stante li: (i) il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud erronejament ma kkoncediex il-kreditu ghal Input Tax ghall-perijodi ta' taxxa mill-01.01.09 sat-30.09.09 in bazi ghall-konsiderazzjoni li *the company failed to furnish the VAT Department all the detail required in respect of goods purchased,* meta fil-fatt hija pprovdiet id-dokumentazzjoni kollha mehtiega ai termini tal-Ligi entro t-termini moghtija; (ii) il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud erronejament ikkonkluda li esportazzjonijiet fl-ammont totali ta' €24,486 ma gewx ikkonfermati bid-debiti *bills of export* u dana billi sar zball da parte tad-Dipartiment fil-valur ta' fattura partikolari, ossia l-fattura bin-Numru 10653 ghall-valur ta' Lm17,460.72, liema valur il-Kummissarju naqas milli jikkonvertih ghall-Euro, senjatament ghal €40,672.54; (iii) fil-kalkoli li ghamel f'Tabella 1.2 il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud inkluda s-somma ta' €50,741 minnha dikjarata bhala akkwist fid-denunzja ta' taxxa ghall-perijodu ta' taxxa 01.07.09-30.09.09 nonostante li in segwitu rrizulta li tali somma giet inkluza u konsegwentement dikjarata fid-denunzja ta' taxxa bi zball da parte ta' impjegat tas-socjetà Rikorrenti u tali zball gie minnha debitament aggustat fid-denunzja ta' taxxa sussegwenti; u (iv) il-mark up ta' 86% applikat mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma huwiex debitament spjegat u sostanzjat.

Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, illum Kummissarju tat-Taxxi, jopponi ghall-appell tas-socjetà Rikorrenti mill-imsemmija stimi u jitlob li l-istess jigi michud u l-istimi kkonfermati stante li l-Likwidazzjonijiet ta' taxxa maghmula minnu huma gusti.

Mill-Investigations Audit Report anness mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jirrizulta li l-Ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud inkarigati mill-investigazzjoni fil-konfront tas-socjetà Rikorrenti kkonkludew illi *in view of the audit tests carried out and the results thereof, it is being proposed that an assessment amounting to €73,229 be raised on the basis of the workings listed above.* L-Ispetturi tad-Dipartiment ibbazaw din il-konkluzjoni fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet u konstatazzjonijiet: ***Accounting Records*** *– accounting records were presentend piecemeal. Part of the requested records were presented by the authorised accountant... Also, the invoices for exports and intra community supplies were presented; however,*

*these were not accompanied by respective ledgers. A list of all exports was compiled by the undersigned. … Accounting records are kept on computerised software which is tailor made for the companies within the group. Purchases Invoices and other relevant expenses were all posted to their appropriate general ledger accounts and to subsidiary ledgers. The ledgers lack a number of important details such as debtor/creditor information and transaction details. The printed ledger presented is only a list of numbers and codes and no direct information as regards to clients or suppliers could be retrieved. An explanation of the records provided was requested since we noted that the sequence number in the sales/purchases ledgers were not consecutive. Ms. Nicola Said (company employee) explained that when a transaction is registered in the system it is subdivided into three accounts namely, the net sales amount, the Vat Account and the debtor or creditor account as applicable. She further explained that we were presented with figures as posted in the VAT account and therefore, this showed only 1 of the 3 numbers given to each transaction. We were also presented with an excerpt from the accounting package showing the postings of the whole transaction subdivided in three parts. An electronic copy of the company's Books of accounts was also requested but never produced. …* ***Sales Analyses – VAT on exports of goods to non-EU countries – Export documents:*** *Exports of goods are exempt with credit supplies as per 5th Schedule Part One of the VAT Act. Transport documents are to be kept as proof of export either done by the seller or by the purchaser. Due to the considerable amount of exports, Mr. Baldacchino was requested to furnish the undersigned with export documents including Bills of export, customs declaration, despatch notices, commercial invoices and shipping orders for each transaction were applicable. A list of the said transaction was compiled by the undersigned and is herewith attached to this report Annex A.* ***Information obtained from the above workout resulted in a variance net amount of €24,486. … Since taxpayer failed to produce sufficient evidence to make up for the discrepancy of €24,486, these are to be considered as local sales and VAT amounting to €4,408 is to be accounted for[13]. Bank Statements*** *– In addition to the above, cash and Bank Statements were requested for examination to determine if the volume of payments and receipts (deposits) also reflects the scale of the financial transactions. Copies of Statements for BOV Current Account No. 11508091018 and BOV Account No. 40014732971 (Bank Overdraft) for accounting years ending December 2008-2009 were produced. These transactions were individually checked and listed … From these workouts it was not possible to obtain a clear picture of the company's financial situation since the amounts did not map to scale of the activity within the company as included in the VAT returns. … From the documents produced it transpires that the company has another BOV account No. 40428100001017015. Statements for this account have been requested but never produced.* ***Input Tax – Non-Availability of Tax Invoices*** *- Besides three notices (positively acknowledged) the company failed to furnish any detail required by the department in respect of goods purchased. In the absence of tax invoices, the Company is not entitled for input tax credit on the following periods or services falling in the following tax periods:-*

[13] Enfasi tat-Tribunal.

*Table 1.4*

| | *Box 34* | *Box 37* | *Total* |
|---|---|---|---|
| *01.01.2009 – 31.03.2009* | *9,285* | *5,058* | *14,344** |
| *01.04.2009-30.06.2009* | *5,173* | *12,399* | *17,572*** |
| *01.07.2009-30.09.2009* | *4,893* | *4,738* | *9,631*** |

**Purchases invoices for period 01.01.09 to 31.03.09 were produced however purchases ledger for the same period was missing. This document was however compiled by the undersigned and is herewith attached to this report and marked 5.* ***Amounts not backed by invoices are to be deducted accordingly***[14]*.* ** ***Purchases invoices not produced. Total non-eligible Input Vat on expenses amount to €41,547***[15]. Mill-istess rapport – senjatament Table 1.3 – jirrizulta li l-Ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud applikaw mark-up ta' 86% ghan-negozju tas-socjetà Rikorrenti, liema mark-up irrizulta mill-investigazzjonijiet ta' l-Economic Crime Unit, minflok mark-up ta' 81% li rrizulta mid-denunzji tat-taxxa taghha bir-rizultat ta' *deemed VAT* ghall-valur ta' €233,826 b'dana li trid tithallas is-somma ta' €31,682 rapprezentanti d-differenza bejn id-*deemed VAT* kif kalkolata u l-VAT dikjarata.

Minkejja talba ghar-review ta' l-istimi provizorji li hargu a bazi ta' l-Investigations Audi Report da parte tas-socjetà Rikorrenti, l-istimi provizorji gew ikkonfermati fuq rakkomandazzjoni tar-Review Officer peress illi *in a letter presented by Dr. Vassallo, taxpayer is stating that they always produced all requested documents as per red 144. Dr. Vassallo continued that three notices were received, first letter related to a different tax period. The final documents being presented in February 2010. Letters requesting purchases and sales ledgers, purchases and sales invoices and the profit and loss accounts and other documents for the period January to September 2009 were duly delivered as per reds 104 and 106. It was established that a number of requested documents were not presented such as: Bank Account Number 40428100010170l5 (as per item 6 in red 129); Tax invoices (as per item 7 in red 129); Part of the Export documents (as per item 5 in red 129)*[16].

Mill-Investigations Audit Report ghalhekk jirrizulta li l-istimi mertu ta' dan l-appell huma essenzjalment ibbazati fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet: (i) **Exports da parte tas-socjetà Rikorrenti:** tul il-perijodu mill-10.01.08 sa' l-20.09.09 hemm *exports* fl-ammont ta' €24,486 li baqghu ma gewx gustifikati u ghalhekk ikkunsidrati bhala bejgh lokali suggett ghat-taxxa fuq il-valur mizjud; (ii) **Output Tax:** b'applikazzjoni ta' mark-up ta' 86% ghan-negozju tas-socjetà Rikorrenti rrizultat Output Tax dikjarata bin-nieqes fl-ammont ta' €31,682 tul il-

[14] Enfasi tat-Tribunal.
[15] Enfasi tat-Tribunal.
[16] Review Report anness mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

perijodi ta' taxxa mill-01.10.07 sa' 30.09.09; u (iii) **Input Tax:** ma nghatax il-kreditu ghall-Input Tax mitlub fil-perijodi ta' taxxa 01.01.09-31.03.098, 01.04.09-30.06.09 u 01.07.09-30.09.09, ghall-ammont totali ta' €41,547, peress illi ma gewx prodvuti l-fatturi taxxa in sostenn ta' tali kreditu.

Dawn l-istimi, kif già iktar 'l fuq osservat, qed jigu kkontestati mis-socjetà Rikorrenti ghaliex: (i) **Exports** – fil-kalkoli tieghu ta' l-exports totali tul l-2008 u l-2009, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud erronejament ha valur ta' fattura partikolari, il-fattura bin-Numru 10653, li kienet f'valuta f'Liri Maltin minghajr ma kkonvertih f'valuta Euro; (ii) **Output Tax** – fil-kalkolu biex jasal ghad-*deemed sales*, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ha in konsiderazzjoni s-somma ta' €50,741 minnha erronejament iddikjarata bhala *purchases exempt with credit* fid-denunzja tat-taxxa taghha ghall-perijodu 01.07.09-30.09.09, minkejja l-fatt li tali zball gie minnha aggustat fid-denunzja ta' taxxa sussegwenti u qabel ma nhargu l-istimi provvizorji fil-konfront taghha; (iii) **Mark-up** – il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud applika mark-up ta' 86% minghajr ma ggustifika kif wasal ghal tali mark-up; u (iv) **Input Tax** – kuntrarjament ghal dak affermat mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, hija pprovdiet lill-Kummissarju bid-dokumentazzjoni kollha mehtiega ai termini tal-Ligi u entro t-termini stabbiliti.

It-Tribunal se jittratta dawn l-aggravji tas-socjetà Rikorrenti wiehed wiehed u se jibda bl-aggravju rigwardanti l-Exports.

**Exports:**

Fir-Rikors ta' l-Appell is-socjetà Rikorrenti fissret l-aggravju taghha f'dan is-sens: *Commissioner wrongly* [concluded] *that €24,486 value of goods exported were not supported by bills of export. As will be proven invoice number 10653 was evaluated as the Maltese equivalent of 17,460.72 instead of the Euro amount of 40,672.54.*

Mill-Investigations Audit Report, senjatament mit-tabella dwar *Export and Intra Community Acquisition documents provided by taxpayer Period: 01.01.2008 to 30.09.2009*, jirrizulta li l-Ispetturi tad-Dipartiment hadmu l-kalkoli taghhom f'valuta Euro. Jirrizulta wkoll li l-valur tal-fattura bin-numru 10653 intestata lil Davebelin NIG Limited sitwata Abia State gie indikat mill-Ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fl-ammont ta' **€17,460.72**. Fir-rigward l-Avukat Dottor Fransina Abela, li fiz-zmien rilevanti ghal dawn il-proceduri kienet tiehu hsieb l-*accounts* tas-socjetà Rikorrenti, xehdet illi *r-rapport tal-Kummissarju jghid li kellna export, li tieghu ghandi l-invoice hawnhekk, li kien ta' l-ammont ta' 17,460.72, qieghed x'sitt pagna fejn hemm Davebelin NIG Limited li sar x'il-10 ta' Jannar 2008, issa jiena qed nghid li s-17,460.72 huwa zbaljat u hawn ser nesebixxi l-invoice li ahna baghtnilhom, fejn 17,460.72 huwa t-total ta' Malta pounds u t-total tal-Euros ried jigi €40,672.54*[17]*.*

[17] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Mejju 2013, fol. 54 sa' 56 tal-process.

Il-fattura li qed taghmel referenza ghaliha l-Avukat Dottor Fransina Abela tinsab esebita bhala Dok. "FA2" a fol. 45 tal-process. Dan id-dokument jidher li huwa fattura bin-Numru 10653 indirizzata li Davebenlin NIG Ltd. sitwata f'Abia State ghall-valur ta' Lm17,460.72 ekwivalenti ghal €40,672.54. It-Tribunal jghid li dan id-dokument **jidher** li huwa fattura bin-Numru 10653 ghar-raguni li n-numru ta' invoice kjarament jidher li huwa *hand written* jew *written over* u mhux *printed* ghalhekk ma hemmx konferma konklussiva li din hija l-istess fattura li ttiehdet in konsiderazzjoni mill-Ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-finijiet tal-kalkoli taghhom. Fattur iehor li serjament ihasseb lit-Tribunal dwar kemm id-dokument Dok. "FA2" a fol. 45 tal-process effettivament huwa l-fattura 10653 li ttiehdet in konsiderazzjoni mill-Ispetturi tad-Dipartiment hija id-data tad-dokument esebit mill-Avukat Abela. In fatti filwaqt li dan id-dokument igib id-data **21/12/2007,** il-fattura bin-Numru 10653 li ttiehdet in konsiderazzjoni mill-Ispetturi tad-Dipartiment iggib id-data **10/01/2008**.

Peress illi s-socjetà Rikorrenti naqset milli tesebixxi dokumentazzjoni ulterjuri biex tissosstanjza l-fatt li d-dokument minnha esebit a fol. 45 tal-process huwa effettivament il-fattura li ttiehdet in konsiderazzjoni mill-Ispetturi tad-Dipartiment, dokumentazzjoni din li ai termini tal-Ligi ghandha tkun fil-pussess taghha[18] u li mill-Investigations Audit Report jirrizulta li giet sottomessa lill-Ispetturi tad-Dipartiment ghall-konsiderazzjoni taghhom, it-Tribunal ma jqisx li l-aggravju fir-rigward tal-konkluzzjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxa fir-rigward ta' l-Exports gie minnha sodisfacentement ippruvat u sostanzjat. Konsegwentement ghalhekk iqis li tali aggravju ma huwiex gustifikat.

**Output tax:**

Fir-rigward tal-kalkoli da parte ta' l-Ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud relattivament ghall-Output Tax is-socjetà Rikorrenti tikkontendi li *Table 1.2 exempt purchase of €50,741 declared in return 01/07/2009-30/09/2009. An administrative error by a company clerk reported non-vatable expenses such as wages, social security contributions, licences, insurances and bank charges as exempt purchases. Error was rectified in the following Vat returns. Conclusions sum of €50,741 should not have been included in the value of company purchases.* Fir-rigward ukoll xehdet l-Avukat Dottor Fransina Abela li in risposta ghall-mistoqsija *fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2012 inti ghamilt referenza li dahhalt xi entries f'kolonna hazina u ghamilt referenza wkoll ghal xi zbalji f'currencies. Spjega lit-Tribunal x'inhuma, ghaliex inti fl-ahhar seduta obbligajt ruhhek li tipprezenta d-dokumenti relattivi*, iddikjarat *ha nibda billi nsemmi dawk li jiena kont ghamilt fir-return u ghamilthom bhala exempt. Nixtieq nghid li din kienet l-ewwel darba li ghamilt return tal-vat u deherli li fl-exempt ridt innizzel il-wages, is-CIR u dawk l-affarijiet kollha li fuqhom ma jithallasx vat biex jiena meta nigi globalment hsibt li ridt naqbel ma' l-expenses kollha li kienet ghamlet l-azjenda f'dawk it-tlett xhur u fil-fatt dawn ma kellix ghalfejn inizzilhom. Wara t-tlett xhur kienu gibdulna l-attenzjoni d-Dipartiment tal-Vat u konna ghamilna adjustment. Kienet saret adjustment fit-tlett xhur ta'*

[18] Artikolu 1 tal-Hdax-il Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta.

*wara u spjegajt minn fejn kont gibt dak l-ammont ta' l-exempt. Meta kellna r-rapport tnizzlu xorta f'table 1.2 allavolja konna rrangajnihom*[19].

Permezz ta' Nota pprezentata fit-28 ta' Mejju 2013[20], id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ikkonferma li l-aggustament indikat mis-socjetà Rikorrenti u li dwaru xehdet l-Avukat Dottor Fransina Abela bhala fatt sar. In effetti huwa ddikjara li *sabiex id-Direttur Generali ikun leali lejn dan l-Onorabbli Tribunal, ghalkemm din il-materja ma ssemmietx fl-ebda aggravju ta' dan l-appell, qieghed jinforma lil dan l-Onorabbli Tribunal, ciò nonostante li già hemm decizjoni finali dwar din il-materja,* ***l-appellat jikkonferma li tali aggustamenti saru***[21].

Ladarba jirrizulta li l-izball li sar fid-denunzja tat-taxxa ghall-perijodu ta' taxxa 01.07.09-30.09.09 gie aggustat mis-socjetà Rikorrenti u dan l-aggustament gie rikonoxxut mill-Kummissarju tat-Taxxi, isegwi li l-ammont ta' €50,741 erronejament indikat mis-socjetà Rikorrenti bhala *exempt with credit purchases* fil-perijodu ta' taxxa 01.07.09-30.09.09 ma ghandux jittiehed in konsiderazzjoni u jigi inkluz fil-kalkoli ghall-finijiet ta' determinazzjoni ta' Output Tax qual' volta dovuta mis-socjetà Rikorrenti. Isegwi ghalhekk li dan l-aggravju partikolari tas-socjetà Rikorrenti huwa gustifikat u bhala tali ghandu jigi milqugh.

Din l-osservazzjoni u konsegwenti konkluzzjoni twassal ghall-konsiderazzjoni ta' l-aggravju ulterjuri tas-socjetà Rikorrenti rigwardanti l-kalkolu ta' l-Output Tax qual' volta dovuta minnha, u cioè l-aggravju dwar il-mark-up.

**Mark-up ta' 86%**:

Fir-rigward tal-mark-up ta' 86% applikat mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud is-socjetà Rikorrenti tikkontendi li *mark-up by Commissioner of 86% has not been substantiated or explained.* Fir-rigward tal-mark-up applikat mill-Kummissarju, fl-affidavit[22] tieghu Anatole Baldacchino jikkontendi li *b'referenza ghall-average mark up ta' 86% kif stipulat fit-talbella 1.1 tar-rapport tad-Dipartiment irrid nghid illi d-dipartiment ma forna ebda informazzjoni ta' kif intlahaq l-istess mark up. Irrid nghid ukoll illi l-kumpanija ma giet mitluba ebda informazzjoni rigward il-mark up.*

Da parte taghha Caroline Arapa, l-Ispettur tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li kienet qed tinvestiga lis-socjetà Rikorrenti, xehedet illi *kien hemm exercise iehor li meta tikkumpara ma' l-ohrajn, kien zghir hafna. Fejn ahna qbadna l-actual data li kienu ghaddewhielna l-economics crime unit tal-Pulizija fi snin l-imghoddija meta huma kellhom l-actual data tal-kumpanija u jien dik stajt nuzaha. Jigifieri jien mort lura ghall-2002 u dik stajt nuzaha biex jiena nohrog il-mark-up fin-nuqqas ta' dokumenti li huwa tani ghal perijodu ta' investigazzjoni*[23].

---

[19] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Mejju 2013, fol. 54 sa' 56 tal-process.
[20] Fol. 82 tal-process.
[21] Enfasi tat-Tribunal.
[22] Para. 9 ta' l-affidavit ta' Anatole Baldacchino, fol. 25 u 26 tal-process.
[23] Xhieda moghtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Frar 2014, fol. 109 u 110 tal-process.

Mix-xhieda ta' Caroline Arapa jirrizulta ghalhekk li l-mark-up ta' 86% ingieb minn fonti ben konkreta w affidabbli, ossia mill-Economic Crimes Unit li kienet qed tmexxi investigazzjoni ta' natura kriminali fir-rigward ta' frodi a dannu tal-fisco da parte tad-Diretturi tas-socjetà Rikorrenti Gregory Brincat u Martin Brincat, investigazzjoni din li s-socjetà Rikorrenti certament ma tistax tghid li ma kenitx a konoxxenza taghha. Ladarba l-mark-up ta' 86% huwa mark-up li kien irrizulta minn investigazzjoni precedenti fil-konfront tas-socjetà Rikorrenti, jew ahjar fil-konfront tad-Diretturi tas-socjetà, kien jispetta lis-socjetà Rikorrenti turi b'mod sodisfacenti li dan il-mark-up ma japplikax ghall-perijodi ta' taxxa mertu ta' dawn il-proceduri, prova li però baqghet ma saritx. Ta' min jghid ukoll li ghalkemm tul is-smigh tal-proceduri sar accenn ghall-fatt li s-socjetà Rikorrenti ma kenitx taf x'kalkoli kienu qed isiru mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghar-raguni li l-Investigations Audit Report gie f'idejha biss fil-mori ta' dan l-appell, in veirtà jirrizulta li s-socjetà Rikorrenti kienet ben konsapevoli tal-*workings* tad-Dipartiment ghaliex l-aggravji taghha gew ben artikolati fir-Rikors ta' l-Appell taghha. Anke kieku stess is-socjetà Rikorrenti giet a konoxxenza tal-mark-up applikat fil-konfront taghha mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fil-mori ta' dan l-appell, senjatament meta d-difensur taghha rtira kopja tar-Risposta tal-Kummissarju bir-rapporti annessi waqt is-seduta tal-11 ta' Lulju 2012[24], ma hemm ebda gustifikazzjoni valida ghalfejn fil-mori ta' dan l-appell u senjatament tul il-fazi tal-produzzjoni tal-provi taghha, is-socjetà Rikorrenti ma ressqet l-ebda prova li sodisfacentement turi li l-mark-up applikat mill-Kummissarju fil-konfront taghha ghall-perijodi ta' taxxa mertu ta' dan l-appell kien eccessiv u/jew zbaljat.

Jigi osservat illi l-iskuza kostanti li sahqet fuqha s-socjetà Rikorrenti – u dana anke fejn jirrigwarda l-kreditu ghall-Input Tax li ma giex moghti ghall-perijodi ta' taxxa 01.01.09-31.03.09, 01.04.09-30.06.09 u 01.07.09-30.09.09 – hija li kienet fl-impossibilità li tipprovdi dokumentazzjoni u spjegazzjonijiet mitluba mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghaliex l-*accounting system tailor made* li kellha ma kellux funzjoni li tippermetti *printing* ta' l-entries in sostenn tal-VAT account li gie provdut lid-Dipartiment. Sahqet ukoll fuq l-affermazzjoni li l-istimi mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma ghandhomx jigu kkonfermati ghar-raguni li l-Ispetturi tad-Dipartiment irrifjutaw li jmorru *on site* u jivverifikaw l-informazzjoni mehtiega direttament minn fuq is-sistema.

It-Tribunal iqis li tali skuza avvanzata mis-socjetà Rikorrenti hija ghal kollox inaccettabbli u hija daqstant iehor inaccettabbli l-affermazzjoni li l-istimi ghandhom jigu revokati ghaliex il-Kummissarju webbes rasu u ma ppermettiex li saru verifiki *on site*.

Is-socjetà Rikorrenti tikkontendi li hija qatt ma rceviet kritika da parte tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud dwar is-sistema *tailor made* adoperata minnha u per konsegwenza l-Ispetturi tad-Dipartiment ma kellhom l-ebda raguni valida ghalfejn ma jaccedux fl-ufficini taghha biex jaghmlu l-verifiki mehtiega *on site*. Tali kontestazzjoni però hija ghal kollox bla bazi legali u dana ghar-raguni li

[24] Vide verbal a fol. 17 tal-process.

ai termini ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, senjatament tal-Hdax-il Skeda ta' l-Att, *il-konteggi ta' l-attività ekonomika ta' kull persuna registrata taht l-artikolu 10* ***ghandhom jinzammu*** ***b'dak il-mod li jkunu jippermettu li tigi accertata l-verifika ta' dan li gej***[25]*: (a) il-valur totali, eskluza t-taxxa, tal-provvisti maghmula minnha matul kull zmien ta' taxxa; (b) il-valur totali, eskluza t-taxxa mitluba lura bhala kreditu ta' input tax, ta' l-inputs taghha ghal kull zmien ta' taxxa; (c) l-output tax u kull taxxa ohra li ghandha tithallas minn dik il-persuna ghal kull zmien ta' taxxa; (d) il-krediti ta' input tax, it-tnaqqis, il-kreditu eccessiv ta' taxxa u t-taxxa li ghandha tithallas lura ghal kull zmien ta' taxxa; (e) il-kalkolazzjoni, meta l-kreditu ta' input tax huwa permissibbli skond metodu ta' attribuzzjoni parzjali, tal-kreditu provvizorju ta' input tax ghal kull zmien ta' taxxa, u l-kreditu definittiv ta' input tax ghal kull sena u ta' l-aggustamenti tal-kreditu ta' input tax; (f) is-sub-totali, breakdowns u not ital-konteggi hekk kif ikun mehtieg biex jigi identifikat b'mod hafif is-sors tat-taghrif muri fil-kont tat-taxxa fuq il-valur mizjud.*

Fir-rigward tal-kont tat-taxxa fuq il-valur mizjud, il-Hdax-il Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta tipprovdi li: *3(1) Il-kont tat-taxxa fuq il-valur mizjud ghandu jkun kont separat li jinzamm ghal kull zmien ta' taxxa minn persuna taxxabbli u ghandu jkun fih it-taghrif kollu, inkluzi t-totali kollha, is-sub-totali u l-breakdowns mehtiega li jintbaghtu fid-denunzja tat-taxxa ghal dak iz-zmien. (2)* ***Il-kont tat-taxxa fuq il-valur mizjud ghandu jkun fih cross reference ghall-kwistjonijiet riferiti fil-partita 2 li tkun tippermetti it-tqabbil u r-rikonciljazzjoni tat-taghrif kollu li jinsab fih***[26].

Minn dawn il-provvedimenti tal-Ligi jirrizulta b'mod car li kuntrarjament ghal dak pretiz mis-socjetà Rikorrenti, id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma kellu u ma ghandu l-ebda dmir u wisq inqas dover li jiccertifika u jaccetta s-sistema *tailor made* adottata minnha. L-obbligu li d-dokumentazzjoni mehtiega tinzamm b'mod korrett u b'mod tali li tista' ssir id-debita verifika ai termini tal-Ligi **jinkombi esklussivament fuq it-*taxpayer*, ossia fuq is-socjetà Rikorrenti**. Ghalkemm l-imsemmija socjetà targumenta li l-Ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, ghal ebda raguni valida, naqsu milli jaccedu fl-ufficini taghha biex issir id-debita verifika, in verità irrizulta li tali verifika difficilment setghet issir nonostante tali *on site inspection*. Dan jirrizulta b'mod car mix-xhieda li tat Nicola Said waqt is-seduta tas-17 ta' Ottubru 2013[27].

In effetti fir-rigward tas-sistema in kwistjoni, in risposta ghall-mistoqsija *issa is-sistema kif kienet qabel is-sena 2009, kienet izzomm fiha dettalji kollha neccessarji ghal VAT?* Nicola Said irrispondiet: *kienet izzomm print outs kollha tal-VAT. Is-sistema kienet izzomm any transaction that has been posted, anke meta nippowstjaw expense tohrog transaction reference number, qieghda miktuba hawnhekk. Issa d-diffikultà li kellna li talbuna l-VAT, riedu jkunu jafu ahna like l-VAT report taghti transaction number. Biex jiena nkun nista' nghidilhom that transaction number ghalxiex tirreferi, jiena rrid double click on this item. Is-sistema ma kinitx taghtini print out tad-double click on this item.*

[25] Enfasi u sottolinear tat-Tribunal.
[26] Enfasi tat-Tribunal.
[27] Fol. 92 sa' 102 tal-process.

*Is-sistema ma kinitx taghtini print out tad-double click, jiena bhala segretarja tal-accounts li kont nahdem hemm tlabt il-VAT biex jigu hemmhekk jivvizwalizzaw din kif tahdem u kollox. L-unika diffikultà li kelli, lil Noel wara li bdejt nitolbu dawn qatt ma tani servizz, ma kienx iwegibli t-telefon*. In risposta ghall-mistoqsija ulterjuri tat-Tribunal *issa, l-informazzjoni fuq kull transaction partikolari, kienet tidher fuq pagna wahda jew kien ikollha multiple paces?* Nicola Said irrispondiet: *inti meta tohrog ir-report tal-VAT, johroglok it-transactions kollha, so biex jiena wahda wahda rrid noqghod naghmel double click*. U in risposta ghall-mistoqsija ulterjuri tat-Tribunal *fuq kull wahda?* Irrispondiet: *Fuq kull wahda ezatt*, u ghall-mistoqsija *però, once li you double click, l-information tohrog fuq pagna wahda biss*? Nicola Said irrispondiet: *ezatt, ezatt fuq pagna wahda ghal kull transaction so I go out and stay going in*. Meta imbaghad it-Tribunal staqsa: *U ladarba kellkom problema u ma setghetx tigi printed, l-option ta' screen shot, you know you get the thing on the screen, anke permezz ta' camera jew mobile phone jew xi haga, dik ma esplorajtuhiex?* Nicola Said irrispondiet: *stajt naghmel screen shot but if I'm not mistaken, a VAT report it takes around 30 pages which has 30 transactions in each page*.

Minn din ix-xhieda johrog b'mod car li v-verifika manwali minn fuq l-iscreen tal-computer hija laborjuza hafna tant illi Nicola Said, u per konsegwenza s-socjetà Rikorrenti, ratha bi kbira wisq li ssir *screen shot* ta' kull pagna bid-dettalji mehtiega mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Nonostante dan il-fatt però, is-socjetà Rikorrenti ppretendiet u ghadha tippretendi li din il-verifika – li ghaliha u ghan-nies taghha kienet laborjuza wisq biex tinhareg id-*data* relattiva u tigi mghoddija lid-Dipartiment – issir direttament mid-Diparitment u l-Ispetturi inkarigati mill-investigazzjoni fil-konfront taghha. B'hekk f'nifs wiehed tghid li hu impossibbli ghaliha li b'mod jew iehor twassal id-*data* mehtiega ghand il-Kummissarju izda li tali *data* tista' tigi, anzi ghandha tigi, migubra bil-Kummissarju jew rapprezenant tieghu direttament *on site*. Fil-fehma tat-Tribunal tali kuntrast fl-attitudini tas-socjetà Rikorrenti ma huwa xejn ghajr turija bic-car li l-istess socjetà ma reditx u ghadha ma tridx, ghal ragunijiet li taf hija biss, tikkopera mal-Kummissarju u debitament tipprova li kif minnha allegat, l-istimi mahruga fil-konfront taghha huma eccessivi. Huwa evidenti li s-socjetà Rikorrenti naqset u ghadha tinsisti li tonqos mill-obbligu car taghha kif nascenti mill-Ligi li mhux biss li zzomm id-dokumentazzjoni bil-mod u fil-format previst fil-Ligi izda anke li jkunu jistghu jsiru *cross references* u verifiki da parte tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kif u meta mehtieg.

Is-socjetà Rikorrenti tipprova tiggustifika n-nuqqas taghha billi ssostni li l-persuna li kien holoq din is-sistema ghaliha, ossia certu Noel Tanti, ma kienx iktar dispost li jahdem ghaliha u tipprova wkoll tikkonvinci lit-Tribunal li ghamlet l-ghalmu taghha kollux biex issolvi din il-problema – u dana anke billi tinkariga terzi biex jippruvaw johorgu d-*data* mehtiega mis-sistema *tailor made* li kienet tuza dak iz-zmien, izda bla ebda ezitu[28]. Nonostante ciò però, ghal ragunijiet li taf hija biss, is-socjetà Rikorrenti naqset milli tressaq, jew altrimenti li tuza l-mezzi disponsibbli ghaliha ai termini tal-Ligi li ggieghel li jersqu, lil dan Noel Tanti u lil

[28] Xhieda moghtija minn Nicola Said waqt is-seduta tas-17 ta' Ottubru 2013, fol. 92 sa' 102 tal-process

dawn it-terzi operaturi bhala xhieda ghall-fini li jikkoroboraw dak minnha affermat.

Tali korroborazzjoni hija fil-fehma tat-Tribunal mehtiega u necessarja ghar-raguni li fil-proceduri kriminali fil-konfront ta' Gregory Brincat u Martin Brincat u li ghalihom saret referenza waqt is-smigh ta' dawn il-proceduri, il-Qorti ta' kompetenza kriminali ghaddiet il-gudizzju taghha fir-rigward tas-sistema kif is-socjetà Rikorrenti kienet izzomm il-kotba taghha u ta' din is-sistema *tailor made*. In effetti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Gregory Paul Brincat et,** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-14 ta' Lulju 2011, ossia diversi xhur qabel ma gew istitwiti l-proceduri odjerni, il-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet: *irrizulta li s-socjetà XXX kienet izomm zewg settijiet ta' kotba: dawk li kienu jintuzaw ghal skopijiet ufficjali u kienu juru dettalji dwar bejgh li ghalih kien jingabar VAT, u dawk ghal uzu intern li kienu juru dettalji dwar bejgh li ghalih ma kienx jingabar VAT; eventwalment giet anke kreata sistema computerizzata li permezz taghha l-oggetti mibjugha minghajr VAT kienu jigu invoiced lil kumpanija ohra ta' l-istess persuni, Brincat's Company Limited, u dan biex tigi facilitata s-sistema interna ta' stocktaking. Kif intqal kienu jinzammu zewg settijiet ta' kotba kummercjali u dak kollu li kellu x'jaqsam ma' bejgh minghajr VAT ma kienx qed jigi inluz fl-accounts tal-kumpanija. Dan ifisser li tul is-snin is-socjetà S&R (Handaq) ma kenitx qed tigbor VAT fuq bejgh taxxabbli, u minhabba li l-kotba ufficjali u l-accounts tas-socjetà XXX ma kienux qed jirriflettu s-sitwazzjoni reali ta' din is-socjetà, l-awtoritajiet kompetenti koncernati ghal snin twal ma kienux qed jinghataw stampa reali tas-sitwazzjoni tal-provvisti taxxabbli ai fini ta' VAT.*

Dan kollu ghalhekk iwassal ghall-konluzzjoni li l-aggravju tas-socjetà Rikorrenti dwar il-mark-up ta' 86% applikat mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma huwiex gustifikat u b'hekk ma jisthoqqx li jigi kkonfermat.

Apparte l-fatt li s-socjetà Rikorrenti ma pprovdietx il-*cross references* mehtiega mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud biex isiru d-debiti verifiki ai termini tal-Ligi, mill-Investigations Audit Report jirrizulta li l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma kkoncediex kreditu ghall-Input Tax mitluba fil-perijodi ta' taxxa 01.01.09-31.03.09, 01.04.09-30.06.09 u 01.07.09-30.09.09 ghall-valur komplessiv ta' €41,547 ghaliex ghal dak li jirrigwarda l-perijodu ta' taxxa 01.01.09-31.03.09 *purchases invoices for period 01.01.09 to 31.03.09 were produced however purchases ledger for the same period was missing. This document was however compiled by the undersigned and is herewith attached to this report and marked 5.* ***Amounts not backed by invoices are to be deducted accordingly***[29] u ghal dak li jirrigwarda l-perijodi ta' taxxa 01.04.09-30.06.09 u 01.07.09-30.09.09 ***purchases invoices not produced***[30].

Dan ghalhekk iwassal ghall-konsiderazzjoni ta' l-aggravju tas-socjetà Rikorrenti dwar l-kreditu ghall-Input Tax li ma giex koncess mill-Kummissarju tat-Taxxa

---

[29] Enfasi tat-Tribunal.
[30] Enfasi tat-Tribunal.

fuq il-Valur Mizjud ghall-perijodi ta' taxxa indikati, ossia 01.01.09-31.03.09, 01.04.09-30.06.09 u 01.07.09-30.09.09.

**Input Tax:**

Is-socjetà Rikorrenti tikkontendi li *Commissioner disallowed input tax credit on expenses incurred for the periods 01.01.2009 to 30.09.2009 because the company failed 'to furnish the Vat Department all the detail required in respect of goods purchased'. Taxpayer furnished all documents as required by law within the time frames contemplated as will be proved during the sitting.* Fir-rigward, fl-affidavit tieghu Anatole Baldacchino iddikjara li *fir-rigward tat-tabella 1.4: id-dipartiment jikkontradici lilu nnifsu meta jibda biex jghid illi "purchases invoices for period 01.01.09 to 31.03.09 were produced however purchases ledger for the same period was missing". Huwa car li d-dipartiment kellu fil-pussess tieghu l-invoices kollha u ghalhekk, kellu stampa ampja tat-trasnazzjonijiet tal-kumpannija. Rigward il-ledger, dan seta' facilment jigi konsultat fl-ufficini tal-kumpannija kif spjegat fid-dettal aktar 'l fuq izda d-dipartiment baqa' jirrifjuta dan. Nuqqas dan illi jirrifletti serjament fuq il-validità tar-rapport tad-dipartiment stante illi l-istess dipartiment, tramite r-rapprezentant tieghu, ghazel li jonjora certi dettalji disponibbli w offruti f'aktar minn okkazzjoni wahda mill-kumpannija*[31].

Apparte l-kwistjoni tat-*tailor made software*, li già giet trattata iktar 'l fuq, is-socjetà Rikorrenti tishaqq li hija tat id-dokumentazzjoni kollha mitluba lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li però a sua volta naqas milli johrog id-debiti ricevuti w allura, tikkontendi, illum l-istess Dipartiment ma jinsabx f'posizzjoni jghid li hija naqset milli tipproduci d-dokumentazzjoni relattiva jekk huwa stess ma ghandux prova ta' x'dokumentazzjoni effettivament inghatat.

Jigi osservat però li ai termini ta' l-Artikolu 22(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta *d-dritt ta' kreditu ta' input tax, l-ammont ta' kreditu u l-mod li bih l-input tax hija attribwibbli ghall-provvisti huwa suggett ghall-kondizzjonijiet, limitazzjonijiet, revizjonijiet u aggustamenti mnizzla fl-Ghaxar Skeda*. L-Artikolu 2 ta' l-Ghaxar Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li: *(1) Ma ghandu jitqies ebda ammont bhala input tax ta' persuna kemm-il darba dik il-persuna ma ggibx prova li dik it-taxxa tithallas fuq il-provvisti ta' oggetti u servizzi jew akkwisti intra-Komunitarji jew fuq importazzjonijiet ta' oggetti li jkunu gew jew ser jigu wzati minnha fil-kors ta' l-avvanz ta' l-attività ekonomika taghha. (2) Hlief hekk kif il-Kummissarju jista' mod iehor jippermetti, ebda ammont ma ghandu jitqies bhala input tax ta' persuna kemm-il darba: (a) ma jkunx appoggat bi: (i) fattura ta' taxxa dwar it-taxxa li ghandha x'taqsam ma' l-oggetti jew servizzi provduti lilu; jew (ii) fattura ta' taxxa dwar it-taxxa li ghandha x'taqsam ma' l-oggetti miksuba minnu taht akkwist intra-Komuniktarju; jew (iii) dokument ta' importazzjoni li jkun jindika lilha bhala importatur dwar it-taxxa fuq importazzjoni; u (b) dwar kull taxxa fuq xi provvista li skond dan l-Att ghandha tithallas minn dik il-persuna jew fuq akkwist intra-Komunitarju, tkun nizzlet dik it-taxxa bhala dovuta lilha fuq id-*

[31] Para. 10 ta' l-affidavit ta' Antaole Baldacchino, fol. 26 tal-process.

*denunzja tat-taxxa taghha; (c) id-dokument riferit fil-paragrafu (a) jkun mizmum minn dik il-persuna u jinghata, fuq talba, lill-Kummissarju; u (d) l-ammont tat-taxxa jkun inghata kont tieghu kif imiss fid-dokumentazzjoni mizmuma minn dik il-persuna sal-limitu mehtieg ghall-ghanijiet ta' l-Att.*

Huwa evidenti ghalhekk li l-kreditu ghall-Input Tax jinghata **biss** kontra d-debita prova ai termini tal-Ligi da parte t-*taxpayer*, ossia fil-kaz in ezami s-socjetà Rikorrenti. Dato ma non concesso li s-socjetà Rikorrenti setghet tat id-dokumentazzjoni kollha mitluba u mehtiega ghall-finijiet tal-kreditu ghall-Input Tax minnha mitlub tul il-perijodi ta' taxxa mertu ta' dan l-appell, fatt dan li però dwaru t-Tribunal ghandu r-riservi tieghu, stranament l-istess socjetà ma ressqet l-ebda prova quddiem dan it-Tribunal biex tiggustifika l-kreditu ghall-Input Tax minnha mitlub tul il-perijodi ta' taxxa 01.01.09-31.03.09, 01.04.09-30.06.09 u 01.07.09-30.09.09 u li ma giex lilha koncess mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Fin-nuqqas ta' tali prova ghalhekk, prova, jigi ribadit, mehtiega *ad validitatem* mill-Ligi, it-Tribunal difficilment jista' jikkoncedi l-kreditu ghall-Input Tax pretiz mis-socjetà Rikorrenti.

Fir-rigward tan-nuqqas ta' dokumentazzjoni vis-à-vis xiri fuq liema jista' jintalab il-kreditu ghall-Input Tax is-socjetà Rikorrenti tissottometti wkoll li *rigward ir-raba' dokument (dettal rigward xiri) hawn jirrizulta bic-car li d-dipartiment ma kienx qieghed jifhem dak li kien qieghed jigri u li dan kien hemm zball konfermat minn Dr. Abela fejn spejjez ezenti bhal pagi etc gew inkluzi bhala xiri ezenti. Id-dipartiment ippretenda aktar dokumenti ghaliex ma qabilx fl-ammont totali u ppretenda xi dokumenti li jissostanzjaw id-diskrepanza. Tali dokumenti qatt ma ezistew u ma jistawx jezistu ghaliex dan kien zball*[32]. Fir-rigward jigi osservat però illi dawn l-ispejjez li qed taghmel referenza ghalihom is-socjetà Rikorrenti gew minnha imnizzla fid-denunzja tat-taxxa ghall-perijodu ta' taxxa 01.07.09-30.09.09 u ghalhekk dan l-argument ma jregix fir-rigward tal-perijodi ta' taxxa l-ohra identifikati mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-fini li ma jigix koncess il-kreditu ghall-Input Tax mitlub. In kwantu rigwarda l-perijodu ta' taxxa 01.07.09-30.09.09 ma jirrizultax li l-ammonti li ma gewx accettati mill-Kummissarju, ossia s-somma ta' €4,893 indikata f'Box 34 taht l-intestatura Xiri Domestiku u Importazzjoni, senjatament oggetti taxxabbli ghall-bejgh bit-18% u s-somma ta' €4,738 indikata f'Box 37 taht l-istess intestatura, senjatament servizzi u spejjez bit-18%, huma necessarjament parti minn dawk l-ispejjez imnizzlin bi zball mis-socjetà Rikorrenti fid-denunzja tat-taxxa relattiva ghal da nil-perijodu ta' taxxa. In effetti ghalkemm is-socjetà Rikorrenti esebit *breakdown* ta' dawn l-ispejjez – Dok. "FA1" a fol. 43 – naqset milli tabbina l-ammonti hawn fuq indikati jew parti minnhom ma' dawn l-ispejjez indikati erronejament u ghaldaqstant naqset milli tipprova li t-tnaqqis ta' dawn l-ammonti da parte tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud huwa fil-fatt zbaljat u/jew eccessiv.

Isegwi ghalhekk li l-aggravju tas-socjetà Rikorrenti fir-rigward tal-kreditu ghall-Input Tax li ma giex moghti mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud

[32] Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà Rikorrenti, fol. 147 tal-process.

ghall-perijodu ta' taxxa 01.01.09-31.03.09, 01.04.09-30.06.09 u 01.07.09-30.09.09 ma huwiex gustifikat u b'hekk ma jisthoqqx li jigi milqugh.

Trattati l-aggravji sollevati b'mod formali mis-socjetà Rikorrenti, jehtieg issa tigi trattata kwistjoni ohra sollevata minnha fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha u cioè il-kwistjoni dwar l-imposizzjoni tal-penali amministrattiva.

Fir-rigward is-socjetà Rikorrenti tikkontendi li *huwa certament skorrett li bejn iz-zewg settijiet ta' stejjem li nhargu mid-dipartiment hemm diskrepanza ta' 'l fuq minn 300 Euro meta l-istima ta' taxxa pura baqghet l-istess. Semmai, diskrepanza setghet tirrizulta fil-kalkolu ta' l-interessi tenut kont li dawn jizdiedu bit-trapass taz-zmien. Fil-fatt, l-ewwel sett ta' stejjem ma indikax l-interessi izda indika biss ir-rata li bihom kellhom jinhadmu. Huwa ghalhekk ovvju li dan kien zball attribwibbli lid-dipartiment tal-VAT li ghandu jigi rimedjat. L-esponenti lanqas ma taqbel mal-persentagg utilizzat fil-kalkolar tal-penali tenut kont tal-fatt li dawn gew kalkolati fuq ammont ta' taxxa pura ikkalkolat mid-dipartiment bhala dovut bin-nuqqasijiet kollha indikati supra, b'konsiderazzjoni erronja tad-dipartiment ta' ammont f'liri Maltin minflok f'Euro, u bi zball genwin ta' l-esponenti meta nkludiet ammonti ezenti mit-taxxa bhala xiri ezenti kif xehdet Dr. Fransina Abela liema zball gie volontarjament korrett mill-esponenti f'denunzji ohrajn. Ghaldaqstant, semmai l-penali kellha tigi kalkolata bir-rata ridotta ta' 10% skond l-Artikolu 37(2) tal-Kap. 406 u mhux 20%. Madanakollu rrizulta li r-rata applikata ghall-penali xorta kienet dik tal-20%. Dan johrog car minn kalkolazzjoni ta' 20% fuq l-ammont kontestat ta' taxxa ta' Eur 73,227 li twassal ghal somma kontestata ta' penali ta' Eur 14,645.40 kif dedotta mid-Dipartiment. Johrog ukoll car mix-xhieda ta' l-Ispettur Joanne Hefny moghtija fil-21 ta' Mejju 2013 fejn Hefney qalet li l-penali applikata kienet ta' 20%. M'huwiex kontestat il-fatt li skond il-ligi vigenti, l-esponenti setghet taghmel korrezzjoni u dan, fid-dawl tad-dritt moghti lilha mill-Artikolu 37(2) tal-Kap.406. L-Artikolu 37(2) jaghti opportunità ekwa ta' tnaqqis fir-rata tal-penali amministrattiva applikabbli f'kaz ta' denunzja li tikkontjeni dikjarazzjoni bin-nieqes ta' l-output tax jew dikjarazzjoni biz-zejjed tat-tnaqqis jekk issir korrezzjoni ta' l-istess denunzja fiz-zmien prefiss mill-Ligi. ... Minn qari akkurat ta' dan is-subartikolu johrog kjarament illi l-unika mizura li l-ligi qieghda tiehu f'dan ir-rigward hija li tipprefiggi dak it-terminu li fih il-persuna interessata trid tkun ressqet il-korrezzjoni taghha. Kull ma tirrikjedi l-ligi huwa li l-korrezzjoni issir fiz-zmien opportun ossia,* ***<u>qabel</u>*** *mal-persuna li tkun talbet l-istess korrezzjoni tkun giet* ***<u>notifikata bi stima provizorja</u>****. Ghalhekk, jekk il-korrezzjoni tkun intalbet fil-hin, kemm id-Dipartiment kif ukoll il-Kummissarju tat-Taxxa ma jkunu jistaw jaghmlu xejn ghajr li japplikaw il-ligi kif mitluba u dan, skond il-principji ormai kostanti fil-gurisprudenza illi ubi lex voluti, lex dicit u ubi lex non distinguit, nec non distinguere debemus. Fil-kaz prezenti, il-korrezzjoni saret qabel ma' l-esponenti giet notifikata bl-istimi provizorji stante li saret f'2009, circa Dicembru w allura qabel ma gie konkluz ir-Rapport Investigattiv fit-12 ta' Lulju 2011 [revizjonat 27/7/2011]. Dan jirrizulta mix-xhieda ta' Dr. Fransina Abela fejn ikkonfermat bil-gurament "fil-fatt dawn ma kellix innizzilhom. Wara tlett xhur kienu gibdulna l-attenzjoni tal-VAT u konna ghamilna adjustment [...] kienet sart adjustment fit-tlett xhur ta' wara". Id-dati jirriuzltaw, inter alia, mid-dokument illi Abela kienet ghaddiet*

*lid-dipartiment bhala spjegazzjoni liema dokument jirrferi ghad-denunzja kontenenti l-izball ta' "July-Sept 2009". Tlett xhur wara Settembru 2009 iwasslu ghal Dicembru 2009 mentri, kif intqal, ir-Rapport investigattiv kien konkluz fit-12 ta' Lulju 2011. Hemm ukoll konferma mix-xhieda tad-dipartiment li l-korrezzjoni saret skond il-ligi u giet accettata. Ghalhekk, certament kellha tapplika r-rata ta' 10% u mhux dik ta' 20% kif, fl-ahhar mill-ahhar, gie rikonoxxut fid-decizjoni tat-Tribunal datata 26 ta' Ottubru 2011. Jinghad ukoll li l-kliem "dik il-persuna* ***<u>tkun</u>*** *suggetta ghal penali amministrattiva f'ammont ekwivalenti ghal ghaxra fil-mija" [emfazi mizjuda] fl-Artikolu 37(2) ma jhalli ebda diskrezzjoni lid-Dipartiment tal-VAT f'li japplika rata differenti. Ghaldaqstant, f'dan il-kaz fejn zball sar mid-dipartiment innifsu billi qara c-cifra l-hazina fuq fattura ezebita u zball iehor kien gie rimedjat fil-hin kontemplat mill-ligi kellha certament tapplika r-rata ridotta ta' 10%*[33].

Fil-fehma tat-Tribunal is-sottomissjoni tas-socjetà Rikorrenti li ghandha tapplika penali amministrattiva ta' 10% u mhux ta' 20% u dan a bazi ta' dak provdut fl-Artikolu 37(2) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta hija, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, zbaljata in kwantu bbazata fuq konsiderazzjoni w interpretazzjoni ghal kollox erroneja ta' l-imsemmi Artikolu 37(2) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jibda biex jigi osservat li kwalunkwe konsiderazzjoni dwar dak affermat mis-socjetà Rikorrenti ghandha tkun limitata ghall-perijodu tat-taxxa fir-rigward ta' liema sar l-aggustament, ossia l-perijodu ta' taxxa 01.07.09-30.09.09 u mhux ghall-perijodi ta' taxxa kollha. B'hekk kieku stess wiehed kellu jaghti ragun lis-socjetà Rikorrenti, li però mhux il-kaz f'dan il-kaz, xorta wahda r-rata mnaqqsa se mai tapplika ghall-penali amministrattiva imposta ghall-perijodu ta' taxxa 01.07.09-30.09.09, li jkopri perijodu ta' taxxa wiehed biss mill-perijodi ta' taxxa formanti l-mertu ta' dawn il-proceduri, u mhux ghall-perijodi ta' taxxa kollha kif donnu pretiz mis-socjetà Rikorrenti.

Kuntrarjament ghal dak pretiz mis-socjetà Rikorrenti, ghad illi *taxpayer* jissottometti korrezzjoni ghal dikarazzjoni tat-taxxa skond l-Artikolu 37 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta u d-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jaghmel l-aggustament relattiv wara tali korrezzjoni bil-konsegwenza immedjata li tigi imposta multa amministrattiva bir-rata ta' 10% flok bir-rata ta' 20% ta' l-eccess bejn l-Output Tax u/jew l-Input Tax kif korrett u dak dikjarat biz-zejjed jew bin-nieqes skond il-kaz, fi stadju ta' verifika jew investigazzjoni fil-konfront tat-*taxpayer* ghall-perijodi ta' taxxa li jinkludu wkoll il-perijodi li ghalihom intalbet il-korrezzjoni, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghandu kull dritt jivverifika u jinvestiga dak dikjarat mit-*taxpayer* ghall-finijiet ta' dak il-perijodu ta' taxxa u jekk nonostante u minkejja l-aggustament xorta wahda jirrizultalu li hemm dikjarazzjoni tat-taxxa biz-zejjed jew bin-nieqes huwa jista', anzi ai termini tal-Ligi ghandu, johrog stima fil-konfront tat-*taxpayer* u jimponi multa amministrattiva ai termini tal-Ligi bir-rata ta' 20%.

Dan huwa dak li gara fil-kaz in ezami. Nonostante l-aggustament vis-à-vis l-ispejjez dikjarati bi zball da parte tas-socjetà Rikorrenti fid-denunzja tat-taxxa

[33] Para 3.1.1.4 u 3.1.1.4.1 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà Rikorrenti, fol. 138 sa' 140 tal-process.

ghall-perijodu ta' taxxa 01.07.09-30.09.09, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud irriskontra nuqqasijiet ohra f'dik l-istess denunzja – kemm fir-rigward ta' l-Output Tax kif ukoll fir-rigward ta' l-Input Tax kif originarjament dikjarati minnha. Konsegwentement ghalhekk il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud gustament hareg stimi fil-konfront tas-socjetà Rikorrenti u validament u ai termini tal-Ligi impona mutli amminsitrattivi bir-rata ta' 20%.

Detto ciò u ghalkemm it-Tribunal jirribatti li r-rata applikabbli ghall-penali amministrattiva hija dik ta' 20% u mhux dik ta' 10%, it-Tribunal jinnota li l-penali amministrattiva kalkolata fl-istima ghall-perijodu ta' taxxa 01.01.09-31.03.09 u l-penali amministrattiva kalkolata fl-istima ghall-perijdou ta' taxxa 01.07.09-30.09.09 ghal raguni li ma gietx spjegata mill-Kummissarju tat-Taxxi, hija mahduma in eccess ta' l-20% prefiss fl-Artikolu 37(1) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta. B'hekk fil-fehma tat-Tribunal l-penali amministrattiva imposta f'dawn iz-zewg stimi partikolari ghandha titnaqqas b'dana li tkun tirrifletti 20% tat-taxxa dovuta skond il-Kummissarju tat-Taxxi.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta li l-appell tas-socjetà Rikorrenti mill-istimi mahruga fil-konfront taghha ghall-perijodi ta' taxxa 01.10.07-31.12.07, 01.01.08-31.03.08, 01.04.08-30.06.08, 01.07.08-30.09.08, 01.10.08-31.12.08, 01.01.09-31.03.09, 01.04.09-30.06.09, 01.07.09-30.09.09 huwa in parte gustifikat ghar-raguni li fil-kalkolu tad-*deemed tax* il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ha in konsiderazzjoni s-somma ta' €50,741 meta din ma kellhiex tittiehed hekk in konsiderazzjoni. Ghaldaqstant it-taxxa pura u l-penali amministrattivi dovuti mis-socjetà Rikorrenti ghall-perijodi ta' taxxa in kwistjoni huma s-segwenti:

01.10.07-31.12.07 - €1,894 (taxxa); €378.80 (penali amministrattiva)
01.01.08-31.03.08 - €1,565 (taxxa); €313 (penali amministrattiva)
01.04.08-30.06.08 - €2,169 (taxxa); €433.80 (penali amministrattiva)
01.07.08-30.09.08 - €1,791 (taxxa); €358.20 (penali amministrattiva)
01.10.08-31.12.08 - €1,749 (taxxa); €349.80 (penali amministrattiva)
01.01.09-31.03.09 - €16,040[34] (taxxa); €3,208 (penali amministrattiva)
01.04.09-30.06.09 - €19,554[35] (taxxa); €3,910.80 (penali amministrattiva)
01.07.09-30.09.09 - €11,480[36] (taxxa); €2,296 (penali amministrattiva)

L-imghax naturalment ikun jista' jinhadem b'mod akkurat meta eventwalment jigu effettwati l-pagamenti relattivi.

Ghal kull buon fini u tra parentesi jigi osservat li fit-Tabella 1.2 kif mahduma mill-Ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur hemm zball matematiku fil-kalkolu ta' Deemed VAT. Dan il-valur kellu jigi €255,221 u mhux €233,826. B'hekk fi kwalunkwe kaz u kemm-il darba l-Kummissarju tat-Taxxi ma kellux jaqbel mal-kalkoli hawn appena maghmula mit-Tribunal dwar it-taxxa u l-penali

[34] €1,696 – underdeclared VAT + €14,344 – Kreditu ghall-Input Tax mhux moghti.
[35] €1,982 – underdeclared VAT + €17,572 – Kreditu ghall-Input Tax mhux moghti.
[36] €1,849 – underdeclared VAT + €9,631 – Kreditu ghall-Input Tax mhux moghti.

amministrattivi dovuti mis-socjetà Rikorrenti, ghandu xorta wahda jiehu konjizzjoni ta' dan l-izball matematiku.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' in parte l-appell tas-socjetà Rikorrenti mill-istimi mahruga fil-konfront taghha mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-perijodi ta' taxxa 01.10.07-31.12.07, 01.01.08-31.03.08, 01.04.08-30.06.08, 01.07.08-30.09.08, 01.10.08-31.12.08, 01.01.09-31.03.09, 01.04.09-30.06.09, 01.07.09-30.09.09 u jvarja l-imsemmija stimi bil-mod segwenti:

Stima 01.10.07-31.12.07 - €1,894 (taxxa); €378.80 (penali amministrattiva)
Stima 01.01.08-31.03.08 - €1,565 (taxxa); €313 (penali amministrattiva)
Stima 01.04.08-30.06.08 - €2,169 (taxxa); €433.80 (penali amministrattiva)
Stima 01.07.08-30.09.08 - €1,791 (taxxa); €358.20 (penali amministrattiva)
Stima 01.10.08-31.12.08 - €1,749 (taxxa); €349.80 (penali amministrattiva)
Stima 01.01.09-31.03.09 - €16,040[37] (taxxa); €3,208 (penali amministrattiva)
Stima 01.04.09-30.06.09 - €19,554[38] (taxxa); €3,910.80 (penali amministrattiva)
Stima 01.07.09-30.09.09 - €11,480[39] (taxxa); €2,296 (penali amministrattiva)

L-imghax dovut fuq kull wahda minn dawn l-istimi jinhadem bir-rati previsti fil-Ligi skond meta jigi effettwat il-pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal ¾ mis-socjetà Rikorrenti in kwantu ghal ¼ mill-Kummissarju tat-Taxxi.

Kopja ta' din is-sentenza ghandha tigi komunikata lis-socjetà Rikorrenti.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**

[37] €1,696 – underdeclared VAT + €14,344 – Kreditu ghall-Input Tax mhux moghti.
[38] €1,982 – underdeclared VAT + €17,572 – Kreditu ghall-Input Tax mhux moghti.
[39] €1,849 – underdeclared VAT + €9,631 – Kreditu ghall-Input Tax mhux moghti.